# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM*
# U L-ISKOLA SEKONDARJA 2008

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IL-ĦAMES SENA     STUDJI SOĊJALI (ĠENERALI)     ĦIN: 1h 45min**

**Isem:** ______________________________  **Klassi:** ____________

**Taqsima A**

Ħares lejn dawn il-figuri.
Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.

**Tabella 1 - Parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilità fil-ħajja soċjali**

| | **Sess %** | **Sess %** | **Età %** | **Età %** | **Età %** |
|---|---|---|---|---|---|
| | Irġiel | Nisa | 16-19 | 20-59 | 60 |
| Xiri barra | 41.6 | 35.8 | 23.6 | 53.1 | 29.8 |
| Attivitajiet tal-knisja | 26.9 | 34.0 | 34.8 | 31.3 | 26.6 |
| Parteċipazzjoni f'NGO's | 19.8 | 14.0 | 36.0 | 15.3 | 12.1 |
| Attivitajiet sportivi | 14.4 | 7.9 | 32.6 | 13.0 | 2.4 |
| Attivitajiet tal-Kunsill Lokali | 6.0 | 8.7 | 7.9 | 7.6 | 6.5 |
| Ċentru ta' matul il-jum | 4.2 | 9.4 | 1.1 | 11.8 | 2.8 |
| Ċentru ta' l-anzjani | 3.0 | 6.8 | 0.0 | 1.5 | 9.7 |

1. (i) Mill-figuri ta' l-ewwel tabella taħseb li persuni b'diżabilità huma integrati fil-ħajja soċjali?

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

(ii) Qabbel il-figuri ta' l-ewwel kolonna ta' l-irġiel mat-tieni kolonna tan-nisa u agħti l-kummenti tiegħek dwar il-parteċipazzjoni f'attivitajiet differenti.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (3 marki)

(iii) X'differenza tgħaddi bejn l-attivitajiet tal-persuni b'diżabilità ta' bejn is-sittax u d-dsatax-il sena u dawk ta' bejn l-għoxrin u d-disgħa u ħamsin sena?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (3 marki)

(iv) Aktar ma persuni b'diżabilità jikbru fl-età aktar ivarjaw fil-ħtiġijiet tagħhom. Ikkummenta billi tagħmel użu mill-figuri ta' l-aħħar kolonna tat-tabella.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

2. X'taħseb li huma d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom persuni b'diżabilità fil-ħajja ta' kuljum? Semmi ħamsa minn dawn id-diffikultajiet.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (5 marki)

3. Il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Att 2000) titkellem dwar diversi oqsma. Semmi x'inhuma dawn l-oqsma u kkummenta dwar l-effetti pożittivi li kellu dan l-Att fuq il-persuni b'diżabilità.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (5 marki)

**Tabella 2**

| | **Studenti b'diżabilità** | **Popolazzjoni ta' studenti** | **Persentaġġ** |
|---|---|---|---|
| **Università** | 5 | 9127 | 0.05 |
| **Junior College** | 3 | 2800 | 0.11 |
| **Giovanni Curmi Higher Secondary** | 2 | 1250 | 0.16 |
| **MCAST** | 17 | 2018 | 0.84 |

4. X'tifhem b''edukazzjoni inklużiva'? Mill-figuri fit-tieni tabella fil-qasam edukattiv post sekondarju taħseb li teżisti l-inklużjoni? Agħti r-raġunijiet tiegħek.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (5 marki)

5. Semmi żewġ gruppi oħra li qegħdin f'minoranza u li jiltaqgħu ma' problemi fis-soċjetà. Kif tista' s-soċjetà tgħin lil dawn il-gruppi f'minoranza biex tabilħaqq ikunu integrati fis-soċjetà?

________________________________________________________________________ (5 marki)

**Total 30 marka**

**Taqsima B**

Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha.

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel f'dawn iż-żminijiet saret kwistjoni ta' **jeddijiet fundamentali** kif ukoll ta' **ġustizzja soċjali**. **Il-prinċipju ta' l-ugwaljanza** bejn l-irġiel u n-nisa, sew quddiem il-liġi, sew f'kull qasam tas-soċjetà, illum hu wieħed imħaddan mid-**dinja demokratika**. Minn wara s-snin sebgħin 'l hawn il-qagħda tan-nisa madwar id-dinja bdiet tagħmel passi 'l quddiem. Ħafna gvernijiet irrevedew il-**kostituzzjoni**, u l-liġijiet ċivili u dawk tax-xogħol, biex minnhom warrbu dak kollu li kien għadu jpoġġi lill-mara f'qagħda aktar baxxa mill-irġiel. Bosta għaqdiet internazzjonali jimbuttaw lill-gvernijiet biex ibiddlu l-liġijiet li jgħinu lin-nisa jiksbu l-għarfien li jistħoqqilhom.

(Ibda Għix)

1. Agħti tifsira ta' dawn il-kliem:
   a. jeddijiet fundamentali  b. ġustizzja soċjali  ċ. dinja demokratika
   d. prinċipju ta' ugwaljanza  e. kostituzzjoni.

________________________________________________________________________ (5 marki)

2. Ma' liema xogħlijiet kienet marbuta l-mara? Agħti eżempji u spjega għaliex.

________________________________________________________________________ (5 marki)

3. X'tibdiliet saru fil-liġi Maltija favur l-ugwaljanza bejn is-sessi? Spjega l-importanza tagħhom għall-mara Maltija.

________________________________________________________________________ (5 marki)

4. X’opportunitajiet għandha l-mara Maltija fil-qasam tax-xogħol illum il-ġurnata?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (5 marki)

5. Għalkemm nafu li l-mara għandha opportunitajiet aktar minn qabel, xorta għad hemm ostakoli. X’inhuma dawn l-ostakoli?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (5 marki)

6. Bosta pajjiżi, speċjalment dawk nordiċi, jużaw diskriminazzjoni pożittiva fil-każ tal-mara. X’tifhem b’‘diskriminazzjoni pożittiva’? Taħseb li din hija ġusta? Agħti r-raġunijiet tiegħek.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (5 marki)

**Total 30 marka**

**Taqsima Ċ** **(15-il marka)**




Il-Media għenet biex seħħet malajr il-globalizzazzjoni. Imma ħafna jikkritikaw lill-media li twassal dak biss li jagħmel sensazzjoni. B’hekk inħolqu stazzjonijiet indipendenti li jwasslu kull tip ta’ informazzjoni.

F’mhux anqas minn 150 kelma spjega x’kontribut tat il-media biex isseħħ il-globalizzazzjoni u għaliex qed tiġi kkritikata li mhix qed taqdi dmirha sew.

**Taqsima D** **(25 marka)**

Agħżel wieħed u ikteb fit-tul.

1. Għalkemm l-istruttura tal-familja tinbidel maż-żminijiet, xorta waħda għadha taqdi l-funzjonijiet tagħha. Iddiskuti.

2. L-Ewwel Mira tal-Millennium kienet li sal-2015 il-faqar jonqos bin-nofs. Xi jridu jagħmlu l-pajjiżi żviluppati biex din il-Mira tintlaħaq?

3. Kulħadd jitkellem dwar l-impatt tal-globalizzazzjoni fuq il-pajjiżi tad-dinja. Iddiskuti l-effetti pożittivi u dawk negattivi tal-globalizzazzjoni.

4. L-edukazzjoni, aktar minn qatt qabel, hija meħtieġa fid-dinja li qed ngħixu fiha llum. Iddiskuti.